**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru.** 87/2017 tat-Tieni Amministrazzjoni

Data: 20 ta' Marza 2017

Ħin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | **Chev Paul Farrugia** – President, Sindku Tarxien<br>**Sur Lawrence Attard** - Kunsillier Birgu<br>**Sur Vince Borg** – Viċi Sindku Floriana<br>**Sur Clive Pulis** – Vici Sindku Isla<br>**Sra Speranza Chircop** – Sindku Kalkara<br>**Sur Frans Debono** – Sindku Marsa<br>**Sur Horace Gauci** – Sindku Marsaxlokk<br>**Sur Marc Vella Bonnici** - Sindku Zabbar<br>**Sna Antonella Galea** – A/Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Kunsill Lokali Zejtun<br>Kunsill Lokali Fgura |
| Assenti | Kunsill Lokali Bormla<br>Kunsill Lokali Marsascala<br>Kunsill Lokali Paola<br>Kunsill Lokali Valletta |

---

## AĠENDA

87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
87.3 Komunikazzjoni mill-President;
87.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021
87.5 URBACT
87.6 Performance Bonus għas-sena 2016 :
- *Ex-Segretarju Eżekuttiv*
- *Reġistratur*
- *Assistent Skrivan*
- *Assistent Skrivan*

87.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;
87.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**87.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijja**

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa, l-Kunsilli ta' Fgura u Żejtun. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkun skużat mill-laqgħa l-Kunsilli ta' ta' Fgura u Żejtun.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 86/2017 miżmuma fl-20 ta' Frar 2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

**87.3 Komunikazzjoni mill-President**

i. Il-President Paul Farrugia, dwar il-każ tal-paga tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, nforma lis-Sinjuri membri li għalkemm kienet ntbgħatitilha l-paga flimkien mal-FS3 permezz ta' posta rreġistrata, din qed tibqa tinsisti li rceviet l-FS3 biss. Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.i** Sadanittant il-President żied jgħid li Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion kienet saħansitra għamlitlu kwerela. U ħaġa tal-iskantament żied jgħid il-President li lil din ħadd ma jagħmillha xejn la Ministru, la Segretarju Parlamentari, la l-pulizija, ħadd.

ii. Is-Sindku Horace Gauci nforma lill-Kumitat li kien attenda s-seminar organizzat mill-Valletta 2018 nhar it-23 ta' Frar 2017. Seminar V18

iii. Saret diskussjoni mill-Membri relatata mal-korsijiet mogħtija mit-TCTC fil-Kunsilli membri tar-Reġjun Xlokk. Għal dan il-kors ir-Reġjun ħalas €500 filwaqt li l-Kunsilli membri ħallsu €300 kull Kunsill. Saret diskussjoni u ħareġ li saħansitra kien hemm min lanqas biss kien infurmat jekk persuni mill-lokalita' kenux attendew dawn il-korsijiet. Ġie deċiż li jekk fil-futur isiru korsijiet simili jrid ikun hemm ftehim iktar ċar bejn it-TCTC u kull Kunsill li jidħol fil-ftehim. Laqgħa TCTC

iv. Il-President nforma lill-Kumitat li kellu laqgħa reġjonali dwar LES u għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Onor Stefan Buontempo, d-Direttur Ġenerali kif ukoll id-Direttur DLG. Żied jispjega l-President li waqt din il-laqgħa ressaq għall-attenzjoni tal-preżenti li l-LESA kienet waqfet tirrifondi lura l-ispejjeż relatati mal-pagi u li suppost s'issa diġa kellna nieħdu mas €60,000. LESA

Saret diskussjoni dwar dan fejn is-Sindku tal-Marsa Frans Debono pprona u fiwlaqt li s-Sindku ta' Marsaxlokk Horace Gauci ssekonda li bħala Reġjun Xlokk niktbu lill-Ministru li invista tal-fatt li LESA mhix tħallas lura għaldaqstant il-kunsilli lokali fir-Reġjun Xlokk ma kenux ser jaċċettaw iktar ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet rigwardant il-LESA. Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

## 87.4 EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021

**i.** Il-President Paul Farrugia ressaq dokument dwar fondi relatati mal-**EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021 fejn spjega** li elegibbli hemm 4 Reġjuni u l-għan għal dawn il-fondi huwa l-Inklużjoni Soċjali, ix-Xogħol fost iż-Żgħażagħ kif ukoll it-tnaqqis tal-Faqar.

Il-President kompla jispjega li relatata ma' dawn il-fondi kien hemm *stakeholders meeting* nhar is-16 ta' Marzu 2017. Fejn preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Natalino Attard - Direttur Ġenerali Gvern Lokali; Sur Robert Tabone - officer in scale 4 - EU & 2International Affairs Unit, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali; l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi; Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tal-erbgħa Kumitati Reġjonali li fi ħdanom hemm lokalitajiet li huma kkunsidrati urbani.

## 87.5 URBACT

URBACT

**i.** Il-President Paul Farrugia spjega li kien ser isir Seminar ieħor ġewwa Zadar fil-Kroazja bejn t- 2 u 6 ta' April 2017 relatat mal-programm CityMobilNet. Ġie deċiż li għal dan is-Seminar jattendu s-Sindku ta' Kalkara Speranza Chircop u s-Sindku ta' Marsaxlokk Horace Gauci flimkien ma Malcolm Borg bħala l-persuna responsabbli minn naħa tar-Reġjun Xlokk.

i.i Huwa spjega li relatat ma' dan il-Proġett kellhom isiru aktar laqgħat u li dawn kellhom isiru fil-pajjiżi parteċipanti.

## 87.6 Performance Bonus għas-sena 2016 :

Performance Bonus

- ***Ex-Segretarju Eżekuttiv***
- ***Reġistratur***
- ***Assistent Skrivan***
- ***Assistent Skrivan***

i. Il-President Paul Farrugia ssuġġerixxa li għar-Reġistratur kif ukoll għaż-żewġ Assistenti Skrivani jingħataw il-full performance bonus jiġifieri 6%. Il-Kumitat Reġjonali qabel unanimament. .

ii. Filwaqt li għall-Ex Segretarju Eżekuttiv Joan Mangion il-President Paul Farrugia qal li peress li għad hemm diversi nuqqasijiet u li tali nuqqasijiet inġibdet anke l-attenzjoni tal-Awdituri waqt l-*office fieldwork* għaldaqstant ma jarax li alissa s-Sra Joan Mangion għandha tingħata xi performance bonus.

ii.i Saret diskussjoni dwar dan mill-membri preżenti u ġie deċiż unanimament li sakemm tinħareġ il-*Management Letter*, ir-Reġjun mhux komdu jiddiskuti l-performance bonus ta' l-Ex Segretarju Eżekuttiv Joan Mangion.

## 87.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**87.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimatata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimamament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:45hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-ERBGĦA 19 TA' APRIL 2017 fis-18:30pm

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| ***Chev Paul Farrugia*** | ***Antonella Galea*** |
| ***President*** | ***A/ Seg. Eżek*** |